



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2013/0012(COD)

24.10.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi
(COM(2013)0018 – C7-0022/2013 – 2013/0012(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Niki Tzavela

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Huwa mifhum li l-vetturi li ma jużawx prodotti taż-żejt għandhom diffikultà biex jinbigħu, l-aktar minħabba li l-possibilitajiet għar-riforniment tal-fjuwil jew għall-iċċarġjar mhumiex disponibbli fuq livell nazzjonali u lanqas fuq livell transkonfinali. Fil-preżent huwa diffiċli li teknoloġiji ġodda u vetturi ġodda jikkompetu fis-suq intern u li jkollhom sehem sinifikanti mis-suq. F'dan il-kuntest, id-direttiva għandha l-għan li toħloq inċentivi u tibgħat sinjali għal investimenti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, sabiex tiffaċilita li atturi ġodda jidħlu fis-suq u sabiex tiżdied il-kompetizzjoni.

Minn-banda, għandhom jiġu maħsuba miżuri li jiżguraw il-possibilità li vetturi ġodda, bħall-vetturi elettriki, jitħaddmu. Mill-banda l-oħra, l-interventi fis-suq għandhom ċertu prezz għall-gvernijiet u għall-konsumaturi. Barra minn hekk, huwa importanti li jitqies li hemm iċ-ċans li, jekk it-teknoloġija rilevanti ma tkunx għadha lesta jew tkun għadha ma ġietx ippruvata, l-investimenti li jsiru jistgħu jkunu ineffiċjenti jew kontroproduċenti. B'mod partikulari, il-karozzi li jaħdmu bl-idroġenu ma jidhru li huma lesti biex jidħlu fis-suq fil-mument.

Ir-rapporteur tilqa' t-tentattivi li jiġu implimentati infrastrutturi ta' fjuwils alternattivi, biex b'hekk gradwalment titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq iż-żejt. Ir-rapporteur tenfasizza li l-investimenti għandhom ikunu primarjament xprunati skont id-domanda tas-suq u għandhom ikunu msejsa fuq bażi teknoloġika newtra. Barra minn hekk, ir-rapporteur temmen bil-qawwa li l-Unjoni għandha tpoġġi għad-dispożizzjoni finanzjament xieraq għar-riċerka u l-iżvilupp sabiex tiffaċilita l-integrazzjoni fis-suq ta' teknoloġiji ġodda u sabiex dawn ikunu lesti għall-użu aktar malajr. Barra minn hekk, ir-rapporteur jemmen li l-isforzi tal-UE dwar l-istandardizzazzjoni huma kritiċi fir-rigward ta' din il-proposta, meta titqies id-dimensjoni transkonfinali kbira ta' din id-direttiva. Fl-aħħar nett, sabiex tiġi rrispettata l-aġenda tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE, huwa importanti li s-suq Ewropew jibqa' sew fuq quddiem f'inizjattivi bħal din.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Abbażi tal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-esperti nazzjonali, kif ukoll mill-esperjenza miksuba, l-elettriku, l-idroġenu, il-bijofjuwils, il-gass naturali, u l-gass likwifikat miż-żejt (LPG) ġew identifikati bħala l-fjuwils alternattivi

Emenda

(4) Abbażi tal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-esperti nazzjonali, kif ukoll mill-esperjenza miksuba, l-elettriku, l-idroġenu, il-bijofjuwils, ***il-fjuwils paraffiniċi***, il-gass naturali (***possibilmment il-gass tax-shale***), ***il-gass naturali***

ewlenin b'potenzjal li jissostiwixxu ż-żejt u jilħqu d-dekarbonizzazzjoni fit-tul.

likwifikat (LNG) u l-gass likwifikat miż-żejt (LPG) ġew identifikati bħala l-fjuwils alternattivi ewlenin b'potenzjal li jissostitwixxu ż-żejt u jilħqu d-dekarbonizzazzjoni fit-tul.

Emenda 2
Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Għandha tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern minħabba l-introduzzjoni mhux ikkoordinata fis-suq tal-fjuwils alternattivi. Għaldaqstant, oqfsa ta' politika kkoordinati tal-Istati Membri kollha għandhom jipprovdu s-sigurtà fit-tul meħtieġa għall-investment privat u pubbliku fit-teknoloġija tal-vetturi u tal-fjuwils, kif ukoll fil-bini tal-infrastruttura. B'hekk, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu oqfsa ta' politika nazzjonali li jfasslu l-għanijiet, il-miri u l-azzjonijiet ta' appoġġ tagħhom għall-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi, inkluża l-infrastruttura meħtieġa li għandha tiġi implimentata. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' Stati Membri oħra fil-viċin tagħhom, fuq il-livell reġjunali jew makroreġjunali, permezz tal-konsultazzjoni jew ta' oqfsa konġunti ta' politika, b'mod partikulari fejn ikunu meħtieġa l-kontinwità tal-kopertura tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi bejn il-fruntieri nazzjonali, jew il-bini ta' infrastruttura ġdida qrib il-fruntieri nazzjonali. ***Il-Kummissjoni*** għandha ***tiżgura*** l-koordinazzjoni ta' dawn l-oqfsa ta' politika nazzjonali u l-koerenza tagħhom fuq il-livell tal-UE, ***billi twettaq evalwazzjoni perijodika tagħhom.***

Emenda

(6) Għandha tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern minħabba l-introduzzjoni mhux ikkoordinata fis-suq tal-fjuwils alternattivi. Għaldaqstant, oqfsa ta' politika kkoordinati tal-Istati Membri kollha għandhom jipprovdu s-sigurtà fit-tul meħtieġa għall-investment privat u pubbliku fit-teknoloġija tal-vetturi u tal-fjuwils, kif ukoll fil-bini tal-infrastruttura. ***Ir-regolamentazzjoni għandha tipprovdi l-inċentivi t-tajba, jiġifieri billi ssegwi l-konverġenza tal-oqfsa.*** B'hekk, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu oqfsa ta' politika nazzjonali li jfasslu l-għanijiet, il-miri u l-azzjonijiet ta' appoġġ tagħhom għall-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi, inkluża l-infrastruttura meħtieġa li għandha tiġi implimentata. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' Stati Membri oħra fil-viċin tagħhom, fuq il-livell reġjunali jew makroreġjunali, permezz tal-konsultazzjoni jew ta' oqfsa konġunti ta' politika, b'mod partikulari fejn ikunu meħtieġa l-kontinwità tal-kopertura tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi bejn il-fruntieri nazzjonali, jew il-bini ta' infrastruttura ġdida qrib il-fruntieri nazzjonali. Għandha ***tiġi żgurata*** l-koordinazzjoni ta' dawn l-oqfsa ta' politika nazzjonali u l-koerenza tagħhom fuq il-livell tal-UE ***u l-Kummissjoni għandha tesplora l-mezzi u s-sorsi kollha biex tippromwovi l-infrastruttura għal fjuwils alternattivi.***

Emenda 3
Proposta għal direttiva
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Meta l-Istati Membri jkunu qegħdin jistabilixxu l-oqfsa nazzjonali tal-politika tagħhom, għadhom iqisu bis-sħiħ l-impatti tal-implimentazzjoni tal-infrastrutturi tal-fjuwils alternattivi fuq il-konsumaturi u fuq id-dħul mit-taxxa, kif ukoll fuq il-kosteffettività ta' investimenti fil-ġejjieni fl-implimentazzjoni ta' din l-infrastruttura.

Emenda 4
Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) In-nuqqas ta' żvilupp armonizzat ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi mal-Unjoni kollha jipprevjeni l-iżvilupp ta' ekonomiji ta' skala fuq in-naħa tal-provvista, u t-trawwim ta' mobbiltà mal-UE kollha fuq in-naħa tad-domanda. Jeħtieġ li jinbnew netwerks ġodda ta' infrastruttura, partikularment għall-elettriku, għall-idroġenu u għall-gass naturali (l-LNG u s-CNG).

(10) In-nuqqas ta' żvilupp armonizzat ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi mal-Unjoni kollha jipprevjeni l-iżvilupp ta' ekonomiji ta' skala fuq in-naħa tal-provvista, u t-trawwim ta' mobbiltà mal-UE kollha fuq in-naħa tad-domanda. Jeħtieġ li jinbnew netwerks ġodda ta' infrastruttura, partikularment għall-elettriku, għall-idroġenu u għall-gass naturali (l-LNG u s-CNG). ***Ifakkar fl-importanza tal-iżvilupp teknoloġiku, id-dimostrazzjoni u l-infrastrutturi, b'mod partikolari, fil-qasam tal-idroġenu.***

Emenda 5
Proposta għal direttiva
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Huwa xieraq li l-istandards li jikkonċernaw it-tagħmir għall-punti tal-

iċċarġjar bażiku u mgħaġġel għandhom jittqiesu bħala armonizzati ġaladarba jiġu ffissati bi ftehim komuni kif imsemmi fl-Anness III.1.1 u fl-Anness III.1.2, u ppubblikati skont il-proċeduri nazzjonali. L-istandards għandhom jinżammu aġġornati fid-dawl tal-progress teknoloġiku u tal-iżviluppi fil-prattika tajba tal-inġinerija f'materji ta' sikurezza.

Emenda 6
Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-elettriku huwa **fjuwil nadif** partikularment attraenti għall-implimentazzjoni ta' vetturi elettriċi **u vetturi elettriċi b'żewġ roti** f'agglomerazzjonijiet urbani, li jista' jikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tal-arja u jnaqqas l-istorbju. L-Istati Membri għandhom **jiżguraw li l-punti** tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi jinbnew b'kopertura suffiċjenti, **tal-anqas darbtejn l-għadd ta' vetturi, b'10 % minnhom ta' aċċess pubbliku, u b'enfażi** partikulari fuq l-agglomerazzjonijiet urbani. Is-sidien privati tal-vetturi elettriċi jiddependu fil-biċċa l-kbira mill-aċċess għal punti tal-iċċarġjar f'parkeġġi kollettivi, bħal fi blokko tal-appartamenti, uffiċċji u postijiet tan-negozju. Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet regolatorji mill-awtoritajiet pubbliċi, li jgħinu liċ-ċittadini billi jiżguraw li tiġi pprovduta, mill-iżviluppaturi u l-maniġers tas-sit, l-infrastruttura xierqa b'punti suffiċjenti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi.

Emenda 7
Proposta għal direttiva
Premessa 17

Emenda

(11) L-elettriku **li jkun ġej minn sorsi tal-enerġija sostenibbli** huwa partikularment attraenti għall-implimentazzjoni ta' vetturi elettriċi, **b'mod partikulari dawk użati għat-trasport kollettiv u għar-roti, skuters u muturi elettriċi** f'agglomerazzjonijiet urbani, li jista' jikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tal-arja u jnaqqas l-istorbju. L-Istati Membri għandhom **jistinkaw sabiex il-punti** tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi jinbnew b'kopertura suffiċjenti (**għadd adegwat minnhom għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku**), **filwaqt li jittqiesu l-aspetti ġeografiċi u soċjoekonomiċi, u b'fokus** partikulari fuq l-agglomerazzjonijiet urbani. Is-sidien privati tal-vetturi elettriċi jiddependu fil-biċċa l-kbira mill-aċċess għal punti tal-iċċarġjar f'parkeġġi kollettivi, bħal fi blokko tal-appartamenti, uffiċċji u postijiet tan-negozju. Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet regolatorji mill-awtoritajiet pubbliċi, li jgħinu liċ-ċittadini billi jiżguraw li tiġi pprovduta, mill-iżviluppaturi u l-maniġers tas-sit, l-infrastruttura xierqa b'punti suffiċjenti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi.

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Il-vetturi tal-idroġenu, inklużi l-vetturi b'żewġ roti li jaħdmu bl-idroġenu, bħalissa għandhom rati baxxi ħafna ta' penetrazzjoni fis-suq, iżda l-bini ta' infrastruttura suffiċjenti għall-forniment tal-idroġenu jkun essenzjali biex jippermetti *l-implimentazzjoni* tal-vetturi tal-idroġenu fuq skala ikbar.

Emenda 8
Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li*** tinbena infrastruttura ta' aċċess pubbliku għall-forniment tal-idroġenu lill-vetturi b'mutur, b'distanzi bejn il-punti ta' forniment għall-vetturi b'mutur li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi tal-idroġenu f'ċerta żona tat-territorju nazzjonali, kif ukoll ċertu għadd ta' punti ta' forniment installati f'agglomerazzjonijiet urbani. Dan ***ikun jippermetti lill-vetturi*** tal-idroġenu jiċċirkolaw mal-Unjoni kollha.

Emenda 9
Proposta għal direttiva
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) Il-vetturi tal-idroġenu, inklużi l-vetturi b'żewġ roti li jaħdmu bl-idroġenu, bħalissa għandhom rati baxxi ħafna ta' penetrazzjoni fis-suq, iżda l-bini ta' infrastruttura suffiċjenti għall-forniment tal-idroġenu jkun essenzjali biex jippermetti *l-użu* tal-vetturi tal-idroġenu fuq skala ikbar ***fuq żmien fit-tul***.

Emenda

(18) L-Istati Membri ***li jagħżlu li jużaw l-idroġenu fit-trasport*** għandhom ***jistinkaw sabiex, kif it-teknoloġija timmatura,*** tinbena infrastruttura ta' aċċess pubbliku għall-forniment tal-idroġenu lill-vetturi b'mutur, b'distanzi bejn il-punti ta' forniment għall-vetturi b'mutur li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi tal-idroġenu f'ċerta żona tat-territorju nazzjonali, kif ukoll ċertu għadd ta' punti ta' forniment installati f'agglomerazzjonijiet. Dan ***jiffaċilita li l-vetturi*** tal-idroġenu jiċċirkolaw mal-Unjoni kollha.

Emenda

(18a) Sabiex tiġi żgurata u ssalvagwardjata l-kompetittività tal-industriji Ewropej, l-UE se ttiprovdi l-finanzjament meħtieġ biex titwettaq aktar attività ta' riċerka u żvilupp fl-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, minħabba li bħalissa huma l-pajjiżi terzi li qegħdin fuq quddiem fl-implimentazzjoni ta'

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) L-Istati Membri għandhom **jiżguraw li** tinbena infrastruttura ta' aċċess pubbliku għall-forniment tal-Gass Naturali Kkompressat gassuż (CNG) lill-vetturi b'mutur, b'distanzi bejn il-punti ta' forniment li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi tas-CNG **mal-Unjoni kollha**, kif ukoll ċertu għadd ta' punti ta' forniment installati f'agglomerazzjonijiet urbani.

Emenda

(20) L-Istati Membri **li jagħmlu din l-għażla** għandhom **jistikaw sabiex** tinbena infrastruttura ta' aċċess pubbliku għall-forniment tal-Gass Naturali Kkompressat gassuż (CNG) lill-vetturi b'mutur, b'distanzi bejn il-punti ta' forniment li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi tas-CNG **fl-Unjoni**, kif ukoll ċertu għadd ta' punti ta' forniment installati f'agglomerazzjonijiet urbani.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Bid-diversità dejjem tikber fit-tipi ta' fjuwils għall-vetturi b'mutur, flimkien mat-kabbir kontinwu fil-mobbiltà bit-triq taċ-ċittadini mal-Unjoni kollha, jeħtieġ li l-konsumaturi jiġu pprovduti b'informazzjoni ċara u faċli li tinftiehem dwar il-kompatibbiltà tal-vettura tagħhom mal-fjuwils differenti offruti fis-suq tal-Unjoni tal-fjuwils tat-trasport, mingħajr ħsara għad-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżil u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-

Emenda

(24) Bid-diversità dejjem tikber fit-tipi ta' fjuwils għall-vetturi b'mutur, flimkien mat-kabbir kontinwu fil-mobbiltà bit-triq taċ-ċittadini mal-Unjoni kollha, jeħtieġ li l-konsumaturi jiġu pprovduti b'informazzjoni ċara u faċli li tinftiehem dwar il-kompatibbiltà tal-vettura tagħhom mal-fjuwils differenti offruti fis-suq tal-Unjoni tal-fjuwils tat-trasport, mingħajr ħsara għad-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżil u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-

emissjonijiet tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE.

emissjonijiet tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE. **B'mod partikolari, għandha titqies l-istandardizzazzjoni fl-UE kollha tal-kuluri użati fil-pompi tal-fjuwil għall-pajpijiet u ż-żennuni li jagħtu l-fjuwil.**

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Sabiex jiġi żgurat l-adattament tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva skont l-iżvilupp tas-suq u l-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha **tingħatalha s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**, fir-rigward tal-portafoll tal-fjuwils alternattivi, il-karatteristiċi tal-infrastruttura, u l-koperatura adegwata kif ukoll l-istandards għall-fjuwils. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa **tul il-ħidma ta' tħejjija tagħha**, anke fuq il-livell ta' esperti.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' miżuri għall-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fl-Unjoni bil-għan li **tingħatalha s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**, fir-rigward tal-portafoll tal-fjuwils alternattivi, il-karatteristiċi tal-infrastruttura, u l-koperatura adegwata kif ukoll l-istandards għall-fjuwils. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, anke fuq il-livell ta' esperti.

Emenda

(25) Sabiex jiġi żgurat l-adattament tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva skont l-iżvilupp tas-suq u l-progress tekniku, **sal-31 ta' Diċembru 2018** il-Kummissjoni għandha **tippreżenta reviżjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari** fir-rigward tal-portafoll tal-fjuwils alternattivi, il-karatteristiċi tal-infrastruttura, u l-koperatura adegwata kif ukoll l-istandards għall-fjuwils. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni b'hekk twettaq konsultazzjonijiet xierqa, anke fuq il-livell ta' esperti.

Emenda

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' miżuri għall-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fl-Unjoni bil-għan li **tingħatalha s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**, fir-rigward tal-portafoll tal-fjuwils alternattivi, il-karatteristiċi tal-infrastruttura, u l-koperatura adegwata kif ukoll l-istandards għall-fjuwils. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, anke fuq il-livell ta' esperti.

speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, inklużi punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi u punti ta' forniment għall-gass naturali (l-LNG u s-CNG) u għall-idroġenu.

speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, inklużi punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi u punti ta' forniment għall-gass naturali (l-LNG u s-CNG) u għall-idroġenu.

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

– il-fjuwils sintetiċi,

Emenda

– il-fjuwils sintetiċi, ***bħal pereżempju d-DME,***

Ġustifikazzjoni

Id-DME (dimetiletere) hu fjuwil li diġà jinsab fis-suq u għandu jissewma b' mod partikolari.

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) "Punt tal-iċċarġjar" tfisser ***punt tal-iċċarġjar bil-mod jew punt tal-iċċarġjar mgħaġġel, jew installazzjoni għall-iskambju fiżiku tal-batterija ta' vettura elettriċa.***

Emenda

(2) "Punt tal-iċċarġjar" tfisser ***post tal-parkeġġ iddedikat b'taġħmir għall-iċċarġjar ta' vettura waħda kull darba (jiġifieri l-iċċarġjar bażiku u/jew l-iċċarġjar mgħaġġel u/jew l-iċċarġjar mingħajr wajers).***

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) "Punt tal-iċċarġjar ***bil-mod***" tfisser punt tal-iċċarġjar li jippermetti l-provvista diretta tal-elettriku lil vettura elettriċa b'qawwa ta' 22 kW jew inqas.

Emenda

(3) "Punt tal-iċċarġjar ***bażiku***" tfisser punt tal-iċċarġjar li jippermetti l-provvista diretta tal-elettriku lil vettura elettriċa b'qawwa ta' 3.7 kW jew inqas.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) "Punt tal-iċċarġjar mgħaġġel" tfisser punt tal-iċċarġjar li jippermetti l-provvista diretta tal-elettriku lil vettura elettrika b'qawwa ta' aktar minn 22 kW.

Emenda

(4) "Punt tal-iċċarġjar mgħaġġel" tfisser punt tal-iċċarġjar li jippermetti l-provvista diretta tal-elettriku lil vettura elettrika b'qawwa ta' aktar minn 3.7 kW.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) "Punt tal-iċċarġjar jew tal-forniment ta' fjuwil ta' aċċess pubbliku" tfisser punt tal-iċċarġjar jew tal-forniment ta' fjuwil li jipprovdi aċċess mingħajr diskriminazzjoni lill-utenti.

Emenda

(5) Punt tal-iċċarġjar jew tal-forniment ta' fjuwil ta' aċċess pubbliku tfisser punt tal-iċċarġjar jew tal-forniment ta' fjuwil li jipprovdi aċċess mingħajr diskriminazzjoni ***u interoperabbli fl-UE kollha*** lill-utenti, ***b'sistema ta' ħlas li tkun aċċettata b'mod ġenerali fl-UE b'mod mhux diskriminatorju.***

Emenda 19

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- miżuri ta' appoġġ għad-domanda

Emenda 20

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1– inċiż 9

Test propost mill-Kummissjoni

– valutazzjoni tal-ħtieġa għal punti ta' forniment tal-LNG f'portijiet barra min-netwerk ewlieni TEN-T, ***li huma importanti għall-bastimenti li mhumiex involuti f'operati ta' trasport, b'mod partikulari l-bastimenti tas-sajd;***

Emenda

– valutazzjoni tal-ħtieġa għal punti ta' forniment tal-LNG f'portijiet barra min-netwerk ewlieni TEN-T;

Emenda 21

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 9**

Test propost mill-Kummissjoni

– valutazzjoni tal-ħtieġa għal punti ta' forniment tal-LNG f'portijiet barra min-netwerk ewlieni TEN-T, ***li huma importanti għall-bastimenti li mhumiex involuti f'operati ta' trasport, b'mod partikulari l-bastimenti tas-sajd;***

Emenda

– valutazzjoni tal-impatt tal-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fuq id-dħul mit-taxxa u fuq il-konsumaturi;

Emenda 22

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– analiżi bir-reqqa tal-ispejjeż u l-benefiċċji.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 8 sabiex timmodifika l-lista ta' elementi pprovduta fil-paragrafu 1 u l-informazzjoni mogħtija fl-Anness I.

imħassar

Emenda 24

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom **jiżguraw li jiġu installati** għadd minimu ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, **tal-anqas** in-numru mogħti fit-tabella fl-Anness II, **sa mhux aktar tard mill-31** ta' Diċembru 2020.

1. **Kull sentejn**, l-Istati Membri għandhom, **fil-qafas tal-politika nazzjonali tagħhom, jistinkaw biex jistabbilixxu** għadd minimu ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, **ikkalkulat skont il-flotta eżistenti ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku u t-kabbir imbassar għas-snin ta' wara, bil-għan li jinkiseb** in-numru mogħti fit-tabella fl-Anness II, **li għandu jintuża bħala gwida għall-għadd ta' punti li huma biħsiebhom jistabbilixxu sal-31** ta' Diċembru 2020. **Il-Kummissjoni għandha timmoniterja l-għadd annwali ta' reġistrazzjonijiet ta' vetturi elettriċi fl-UE, u sal-1 ta' Jannar 2017, tirrevedi l-għadd ta' punti tal-iċċarġjar meħtieġa.**

(it-terminoloġija magħżula tiddetermina l-artikoli komparabbli fid-direttiva kollha)

Emenda 25

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Tal-anqas 10 % mill-punti tal-iċċarġjar għandhom ikunu ta' aċċess pubbliku.gast

Emenda

imħassar

Emenda 26

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-punti tal-iċċarġjar ***bil-mod*** għall-vetturi elettriċi għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.1.1 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru **2015**.

Il-punti tal-iċċarġjar mgħaġġel għall-vetturi elettriċi għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.1.2 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017.

L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li t-tagħmir*** għall-punti tal-iċċarġjar ***bil-mod*** u mgħaġġel, kif stipulati fl-Anness III.1.1 u fl-Anness III.1.2 rispettivament, għandu jkun disponibbli b'kundizzjonijiet ekwi, raġonevoli u mingħajr diskriminazzjoni.

Emenda

3. Il-punti tal-iċċarġjar ***bażiku*** għall-vetturi elettriċi għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.1.1 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru **2017**.

Il-punti tal-iċċarġjar mgħaġġel għall-vetturi elettriċi għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.1.2 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017.

L-Istati Membri għandhom ***jistinkaw biex it-tagħmir*** għall-punti tal-iċċarġjar ***bażiku*** u mgħaġġel, kif stipulati fl-Anness III.1.1 u fl-Anness III.1.2 rispettivament, ***ikun*** disponibbli b'kundizzjonijiet ekwi, raġonevoli u mingħajr diskriminazzjoni ***u għandhom jippermettu l-flessibilità meħtieġa sabiex jiżguraw li r-rekwiżiti speċifiċi tas-sikurezza infurzati fuq livell nazzjonali jiġu rrispettati***.

Emenda 27

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) Fl-interess ta' mmaniġġjar mingħajr komplikazzjoni ta' ċċarġjar f'punti diversi tal-iċċarġjar, dawn il-punti għandhom ikunu mgħammra bi plagg ikkombinat AC/DC.

Ġustifikazzjoni

Sistema kombinata ta' ċċarġjar għal vetturi elettriċi tippermetti l-iċċarġjar, kemm standard kif ukoll mgħaġġel, bi plagg tal-vetturi u tiżgura użu mingħajr komplikazzjoni tal-iċċarġjar.

Emenda 28

**Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-punti tal-iċċarġjar mingħajr wajers għall-vetturi elettriċi għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.1.3 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017.

Ġustifikazzjoni

Din id-Direttiva m'għandhiex tipprevjeni l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda oħra tal-iċċarġjar bħall-iċċarġjar mingħajr wajers.

Emenda 29

**Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. Il-punti tal-iċċarġjar kollha ta' aċċess pubbliku għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra b'sistemi ta' miters intelliġenti kif inhu ddefinit fl-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2012/27/UE, u għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9(2) tal-istess Direttiva.

6. Għall-iċċarġjar f'punti tal-iċċarġjar ta' aċċess pubbliku għall-vetturi elettriċi, għandhom jiġu pprovduti sistemi ta' miters intelliġenti u trasparenti, jew b'mod individwali jew b'mod aggregat, kif inhu ddefinit fl-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2012/27/UE, u għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9(2) tal-istess Direttiva.

Emenda 30

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. L-Anness I.1(h) u l-aħħar subparagrafu tal-Anness I.2 tad-Direttiva 2009/72/KE għandhom japplikaw għad-dejta tal-konsum u għas-sistema tal-miters tal-punt tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi.

Emenda

7. L-Anness I.1(h) u l-aħħar subparagrafu tal-Anness I.2 tad-Direttiva 2009/72/KE għandhom japplikaw għad-dejta tal-konsum u għas-sistema tal-miters tal-punt tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi ***fil-postijiet privati tal-konsumaturi.***

Ġustifikazzjoni

Il-punti tal-iċċarġjar pubbliċi jistgħu ma jeħtiġux dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-fatturazzjoni jekk jiġu offruti bħala parti minn servizz lill-klijenti.

Emenda 31

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu l-utenti tal-vetturi elettriċi milli jixtru l-elettriku minn kwalunkwe fornitur tal-elettriku, irrispettivament mill-Istat Membru li fih jinsab irreġistrat il-fornitur. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jkollhom id-dritt li jikkuntrattaw l-elettriku b'mod simultanju ma' fornituri differenti, b'mod li l-provvista tal-elettriku għal vettura elettriċa tkun tista' tiġi kkuntrattata b'mod separat.

Emenda

8. L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu l-utenti tal-vetturi elettriċi milli jixtru l-elettriku minn kwalunkwe fornitur tal-elettriku, irrispettivament mill-Istat Membru li fih jinsab irreġistrat il-fornitur. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jkollhom id-dritt li jikkuntrattaw l-elettriku b'mod simultanju ma' fornituri differenti, b'mod li l-provvista tal-elettriku għal vettura elettriċa tkun tista' tiġi kkuntrattata b'mod separat. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dan t'hawn fuq ma jirriżultax f'tariffi ta' konnessjoni separati jew fil-ħtieġa ta' konnessjoni tal-elettriku fiżika separata.***

Ġustifikazzjoni

Sabiex jinfetħu swieq ġodda tal-vetturi elettriċi u jiġu appoġġjati l-fornituri indipendenti tas-servizz, huwa importanti li jiġi żgurat li ma jkunx hemm ostakli regolatorji li jfixklu l-provvista separata tal-elettriku għall-vetturi elettriċi.

Emenda 32

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prezzijiet mitluba fil-punti tal-iċċarġjar ta' aċċess pubbliku jkunu raġonevoli, **u li ma jinkludu l-ebda penali jew tariffa projbittiva għall-iċċarġjar ta' vettura eletrica minn utent li ma jkollux** relazzjonijiet kuntrattwali mal-operatur tal-punt tal-iċċarġjar.

Emenda

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prezzijiet mitluba fil-punti tal-iċċarġjar ta' aċċess pubbliku jkunu trasparenti u raġonevoli. **Skontijiet għal utenti ta' vetturi elettriċi li jkollhom** relazzjonijiet kuntrattwali mal-operatur tal-punt tal-iċċarġjar **għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar.**

Ġustifikazzjoni

Biex tiġi żgurata l-akbar konvenjenza possibbli għall-konsumatur, l-informazzjoni għall-konsumatur għandha tkun ċara u viżibbli b'mod prominenti.

Emenda 33

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri li **fit-territorju tagħhom diġà jeżistu, fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, punti ta' forniment tal-idroġenu**, għandhom **jiżguraw li** għadd suffiċjenti ta' punti ta' forniment ta' aċċess pubbliku jkunu disponibbli, **b'distanzi bejniethom li ma jaqbżux it-300 km**, sabiex tkun permessa ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi tal-idroġenu **fit-territorju nazzjonali kollu**, sa mhux aktar tard minn Diċembru 2020.

Emenda

1. L-Istati Membri li **jagħżlu t-tnedija tal-punti tal-iċċarġjar tal-idroġenu fil-qafas tal-politika nazzjonali tagħhom kif iddefinit fl-Artikolu 3**, għandhom **jistinkaw biex** għadd suffiċjenti ta' punti ta' forniment ta' aċċess pubbliku jkunu disponibbli, **partikolarment f'żoni urbani**, sabiex jitħalla jkun hemm ċirkolazzjoni **suffiċjenti** tal-vetturi tal-idroġenu sa mhux aktar tard minn Diċembru 2020, **sakemm l-operazzjoni tal-punti ta' forniment tal-idroġenu tkun ekonomikament vijabbli.**

Emenda 34
Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jiġu pprovduti*** punti ta' forniment tal-LNG, ta' aċċess pubbliku, għat-trasport marittimu u tal-ilmijiet interni, fil-portijiet marittimi kollha tan-Netzwerk Ewlieni tan-Netzwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T), sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom ***jistinkaw biex*** punti ta' forniment tal-LNG, ta' aċċess pubbliku, għat-trasport marittimu u tal-ilmijiet interni, fil-portijiet marittimi kollha tan-Netzwerk Ewlieni tan-Netzwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T), sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-punti kollha ta' forniment tal-LNG għat-trasport marittimu u fl-ilmijiet interni għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.3.1 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015.

Emenda

4. Il-punti kollha ta' forniment tal-LNG għat-trasport marittimu u fl-ilmijiet interni ***kif ukoll il-faċilitajiet assoċjati meħtieġa (bħat-tankijiet tal-ħżin, il-puntuni, eċċ)*** għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.3.1 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015.

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jkun disponibbli għadd suffiċjenti ta' punti ta' forniment tas-CNG, ta' aċċess pubbliku, b'distanzi bejniethom li ma***

Emenda

6. L-Istati membri għandhom ***jistinkaw biex jiġu installati għadd minimu ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi*** sa mhux aktar tard mill-

jaqbżux il-150 km, biex jippermettu ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi tas-CNG mal-Unjoni kollha, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

Emenda 37

Proposta għal direttiva Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

31 ta' Diċembru 2020, *sakemm l-operazzjoni tal-punti ta' forniment tal-idroġenu tkun ekonomikament vijabbli.*

Emenda

Artikolu 6a

Provvista ta' gass likwifikat għall-qasam tat-trasport

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun disponibbli għadd suffiċjenti ta' punti ta' forniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku f'distanzi bejniethom li ma jaqbżux il-150 km, biex jippermettu ċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi tal-LPG fit-territorju nazzjonali kollu, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020. Fl-Istati fejn il-gass likwifikat miż-żejt hu diġà stabbilit, għandhom isiru sforzi biex jiġi żgurat li jkun hemm kopertura sħiħa fil-pompi tal-fjuwil fuq il-motorways.

Emenda 38

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Mingħajr ħsara għad-Direttiva 2009/30/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni rilevanti, ċara u sempliċi dwar ***il-kompatibbiltà*** bejn il-fjuwils kollha fis-suq u bejn il-vetturi tkun disponibbli:

Emenda

1. Mingħajr ħsara għad-Direttiva 2009/30/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni rilevanti, ċara u sempliċi dwar ***l-ispeċifikazzjonijiet u l-kompatibbiltà*** bejn il-fjuwils kollha fis-suq u bejn il-vetturi tkun disponibbli:

Ġustifikazzjoni

Hu biss fehim ċar tal-informazzjoni kollha dwar il-fjuwils alternattivi li jagħmilha aktar faċli għall-konsumatur li jivvalutahom, u dan jipromwovi wkoll l-aċċettazzjoni tal-vetturi elettriċi.

Emenda 39

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) fuq il-vettura stess. Dan ir-rekwiżit għandu japplika għall-vetturi ġodda kollha mibjugħa fit-territorju tal-Istati Membri minn [id-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], u għall-vetturi kollha l-oħra rreġistrati fit-territorju tal-Istati Membri mid-data ***tal-ewwel kontroll*** tekniku tal-vetturi wara [id-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva].

Emenda

(c) fuq il-vettura stess. Dan ir-rekwiżit għandu japplika għall-vetturi ġodda kollha mibjugħa fit-territorju tal-Istati Membri minn [id-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], u għall-vetturi kollha l-oħra rreġistrati fit-territorju tal-Istati Membri mid-data ***tal-kontroll tekniku li jmiss*** tal-vetturi wara [id-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva].

Emenda 40

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Wara t-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva u mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta li titlob lill-fornituri tal-fjuwil jistandardizzaw il-kuluri użati għall-pajpijiet u ż-żennuni biex iwasslu l-fjuwil fil-pompi tal-fjuwil fit-territorju kollu tal-UE.

Ġustifikazzjoni

L-adozzjoni ta' kuluri komuni għat-twassil tal-fjuwil fl-UE kollha għandha ttejjeb is-sensibilizzazzjoni u l-fehim tal-konsumaturi dwar il-fjuwils differenti disponibbli.

Emenda 41

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddefinixxu l-post speċifiku, fuq il-vettura, tal-informazzjoni dwar il-kompatibbiltà u l-espressjoni grafika tagħha, sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni tagħha mal-Unjoni kollha. Fejn skemi tal-EN li jinkludu standards għat-tikkettar tal-fjuwil mhumiex disponibbli jew mhumiex xierqa għall-ilħiq tal-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw il-parametri tat-tikkettar tal-fjuwil għall-fjuwils introdotti fis-suq tal-Unjoni u li jilħqu l-livell ta' 1 % tal-volum totali tal-bejgħ, skont l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, u f'aktar minn Stat Membru wieħed.

Emenda

4. Fejn skemi tal-EN li jinkludu standards għat-tikkettar tal-fjuwil mhumiex disponibbli jew mhumiex xierqa għall-ilħiq tal-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw il-parametri tat-tikkettar tal-fjuwil għall-fjuwils introdotti fis-suq tal-Unjoni u li jilħqu l-livell ta' 1 % tal-volum totali tal-bejgħ, skont l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, u f'aktar minn Stat Membru wieħed.

Emenda 42

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-delega ta' *setgħa* msemmija fl-Artikoli 3, 4, 5 u 6 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat.

Emenda

2. Id-delega *tas-setgħa* msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat.

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 3, 4, 5 u 6 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha għib fi tmiemha d-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew minn data aktar 'il quddiem kif speċifikata fl-istess deċiżjoni. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att iddelegat diġà fis-seħħ.

Emenda

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 4, 5 u 6 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha għib fi tmiemha d-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew minn data aktar 'il quddiem kif speċifikata fl-istess deċiżjoni. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att iddelegat diġà fis-seħħ.

Emenda 44

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 3, 4, 5, u 6 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill matul perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 4, 5 u 6 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejr in joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 45

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jinkludi

Emenda

Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jinkludi

l-elementi li ġejjin:

l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet meħudin minn kull Stat Membru;

- l-evalwazzjoni tal-effetti ta' din id-Direttiva fuq l-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi, u l-impatt fuq l-ekonomija u l-ambjent;

informazzjoni dwar il-progress tekniku u l-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi koperti minn din id-Direttiva, jew ta' kwalunkwe fjuwil alternattiv ieħor.

Il-Kummissjoni tista' tissuġġerixxi kwalunkwe miżura xierqa.

Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jivvaluta r-rekwiżiti u d-dati stipulati f'din id-Direttiva fir-rigward tal-bini tal-infrastruttura u l-implimentazzjoni ta' speċifikazzjonijiet, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi tekniċi, ekonomiċi u tas-suq tal-fjuwils alternattivi rispettivi, bl-akkumpanjament, fejn xieraq, ta' proposta leġiżlattiva.

l-elementi li ġejjin:

valwazzjoni tal-azzjonijiet meħudin minn kull Stat Membru, **inkluża l-kosteffettività tagħhom**;

- l-evalwazzjoni tal-effetti ta' din id-Direttiva fuq l-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi, u l-impatt fuq l-ekonomija u l-ambjent **u fuq il-konsumaturi**;

– informazzjoni dwar il-progress tekniku u l-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi koperti minn din id-Direttiva, jew ta' kwalunkwe fjuwil alternattiv ieħor.

Il-Kummissjoni tista' tissuġġerixxi kwalunkwe miżura xierqa.

Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jivvaluta r-rekwiżiti u d-dati stipulati f'din id-Direttiva fir-rigward tal-bini tal-infrastruttura u l-implimentazzjoni ta' speċifikazzjonijiet, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi tekniċi, ekonomiċi u tas-suq tal-fjuwils alternattivi rispettivi, bl-akkumpanjament, fejn xieraq, ta' proposta leġiżlattiva.

Emenda 46

Proposta għal direttiva Anness 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Qafas regolatorju għandu jikkonsisti f'miżuri li jappoġġjaw il-bini ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi, bħal permessi għall-bini, permessi għall-parkeġġi, iċ-ċertifikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali tan-negozji, jew konċessjonijiet ta' stazzjonijiet tal-fjuwil.

Emenda

Qafas regolatorju għandu jikkonsisti f'miżuri li jappoġġjaw il-bini ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi, bħal permessi għall-bini, permessi għall-parkeġġi, iċ-ċertifikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali tan-negozji, jew konċessjonijiet ta' stazzjonijiet tal-fjuwil. ***Sabiex jiġi żgurat li t-talba ta' fornitur ta' fjuwil alternattiv previst tiġi awtorizzata fi żmien tliet xhur mit-talba, il-qafas regolatorju għandu jinkludi d-dettalji dwar il-proċeduri tekniċi u amministrattivi, il-persunal, il-metodoloġija u l-leġiżlazzjoni***

applikabbli sabiex jiġi evitat dewmien burokratiku u leġiżlattiv.

Emenda 47

Proposta għal direttiva Anness 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Dawn il-miżuri għandhom ***jinkludu mill-inqas*** l-elementi li ġejjin:

Emenda

Dawn il-miżuri għandhom ***iqisu bħala gwida*** l-elementi li ġejjin:

Emenda 48

Proposta għal direttiva Anness 1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Miri

- ***miri*** nazzjonali ***għall-2020*** għall-implimentazzjoni tal-fjuwils alternattivi fil-modi tat-trasport differenti (bit-triq, bil-ferrovija, fuq l-ilma u bl-ajru) u għall-infrastruttura rilevanti

- miri nazzjonali, stabbiliti sena wara sena, għall-implimentazzjoni tal-fjuwils alternattivi fil-modi tat-trasport differenti u għall-infrastruttura rilevanti, bil-għan li jintlaħqu l-miri nazzjonali għall-2020.

Emenda

5. Miri

- ***valuri indikattivi*** nazzjonali ***li għalihom għandu jsir sforz biex jintlaħqu sas-sena 2020***, għall-implimentazzjoni tal-fjuwils alternattivi fil-modi tat-trasport differenti (bit-triq, bil-ferrovija, fuq l-ilma u bl-ajru) u għall-infrastruttura rilevanti;

- miri nazzjonali ***indikattivi***, stabbiliti sena wara sena, għall-implimentazzjoni tal-fjuwils alternattivi fil-modi tat-trasport differenti u għall-infrastruttura rilevanti, bil-għan li jintlaħqu l-miri nazzjonali għall-2020.

Emenda 49

Proposta għal direttiva Anness 2 – titolu tat-tabella 1

Test propost mill-Kummissjoni

Għadd ***minimu*** ta' punti tal-iċċarġjar tal-

Emenda

Għadd ***indikattiv*** ta' punti tal-iċċarġjar tal-

Emenda 50

Proposta għal direttiva Anness 3 – punt 1 – punt 1.1 – parti intradutturja

Test propost mill-Kummissjoni

1.1. Punti tal-iċċarġjar elettriku ***bil-mod*** għall-vetturi b'mutur

Emenda

1.1. Punti tal-iċċarġjar elettriku ***bażiku*** għall-vetturi b' mutur

Emenda 51

Proposta għal direttiva Anness 3 – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-punti tal-iċċarġjar ***bil-mod*** b'Kurrent Alternanti (AC) għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra, għall-finijiet ta' interoperabbiltà, ***b'konnetturi*** tat-Tip 2, kif deskritt fl-istandard EN62196-2:2012.

Emenda

Il-punti tal-iċċarġjar ***bażiku*** b'Kurrent Alternanti (AC) għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra, għall-finijiet ta' interoperabbiltà, ***bi żbökkijiet ta' sokits*** tat-Tip 2, kif deskritt fl-istandard EN62196- 2:2012 ***u l-aġġornamenti rispettivi.***

Emenda 52

Proposta għal direttiva Anness 3 – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-punti tal-iċċarġjar bażiku b'Kurrent Alternanti (AC) għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra, għall-finijiet ta' interoperabbiltà, b'apparat primarju għat-trasferiment mingħajr wajers tal-elettriku kif deskritt fl-IEC/TS 61980-3, li għandu jġi adottat sal-2014.

(L-għażla tat-terminoloġija se tittieħed fl-isħuħija tal-proposta leġiżlattiva.)

Ġustifikazzjoni

Din id-Direttiva m'għandhiex tipprevjeni l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda oħra tal-iċċarġjar bħall-iċċarġjar mingħajr wajers.

Emenda 53

Proposta għal direttiva Anness 3 – punt 1 – punt 1.2 – parti intradutturja

Test propost mill-Kummissjoni

1.2. Punti tal-iċċarġjar elettriku mgħaġġel għall-vetturi b'mutur

Emenda

1.2. Punti tal-iċċarġjar elettriku mgħaġġel għall-vetturi b'mutur **ta' iżjed minn 22 kW**

Emenda 54

Proposta għal direttiva Anness 3 – punt 1 – punt 1.2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-punti tal-iċċarġjar mgħaġġel b'Kurrent Alternanti (AC) għall-vetturi **elettriċi** għandhom ikunu mgħammra, għall-finijiet ta' interoperabbiltà, **b'konnetturi** tat-Tip 2, kif deskritt fl-istandard EN62196-2:2012.

Emenda

Il-punti tal-iċċarġjar mgħaġġel b'Kurrent Alternanti (AC) għall-vetturi għandhom ikunu mgħammra, għall-finijiet ta' interoperabbiltà, **b'kejbils imqabbda mal-konnettur** tat-Tip 2, kif deskritt fl-istandard EN62196-2:2012 **u l-aġġornamenti rispettivi."**

Emenda 55

Proposta għal direttiva Anness 3 – punt 1 – punt 1.2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-punti tal-iċċarġjar mgħaġġel b'Kurrent Dirett (DC) għall-vetturi elettriċi

Emenda

Il-punti tal-iċċarġjar mgħaġġel b'Kurrent Dirett (DC) għall-vetturi elettriċi

għandhom ikunu mgħammra, għall-finijiet ta' interoperabbiltà, b'konnetturi tat-Tip "Combo 2", kif deskritt fl-istandard EN rilevanti, li għandu jiġi adottat sal-2014.

għandhom ikunu mgħammra, għall-finijiet ta' interoperabbiltà, b'konnetturi **bi standards multipli li jipprovdu kemm 'CHAdemo' kif ukoll konnessjoni** tat-Tip 'Combo 2', kif deskritt fl-istandard EN rilevanti, li għandu jiġi adottat sal-2014.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-istandards tal-ġejjieni jkunu teknoloġikament newtrali u kompatibbli mal-iżviluppi tas-suq, jiġifieri f'konformità mal-vetturi elettriċi li qed jiġu prodotti u użati fl-UE.

Emenda 56

Proposta għal direttiva Anness 3 – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-punti ta' forniment tal-LNG għall-bastimenti ta' fuq l-ilma għandhom jikkonformaw mal-istandards EN rilevanti, li għandhom jiġu adottati sal-2014.

Emenda

Il-punti ta' forniment tal-LNG għall-bastimenti ta' fuq l-ilma għandhom jikkonformaw mal-istandards EN rilevanti, li għandhom jiġu adottati **skont ir-regolamenti u l-istandards rilevanti tal-OMI u tal-ISO** sal-2014. **L-Istati Membri jridu jikkoordinaw biex jappoġġjaw b'mod konġunt l-iżvilupp ta' daww l-istandards mill-OMI u l-ISO kemm jista' jkun malajr.**

PROCĊEDURA

Titolu	L-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi
Referenzi	COM(2013)0018 – C7-0022/2013 – 2013/0012(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 5.2.2013
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 5.2.2013
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Niki Tzavela 18.4.2013
Eżami fil-kumitat	9.7.2013
Data tal-adozzjoni	26.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 42 –: 2 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea, Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Dimitrios Droutsas, Christian Ehler, Adam Gierek, Norbert Glante, Robert Goebbels, Fiona Hall, Jacky Hélin, Romana Jordan, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Amalia Sartori, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Britta Thomsen, Patrizia Toia, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Adina-Ioana Vălean, Alejo Vidal-Quadras
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Elisabetta Gardini, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Eija-Riitta Korhola, Bernd Lange, Werner Langen, Marian-Jean Marinescu, Markus Pieper, Hannu Takkula, Hermann Winkler
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Britta Reimers